NEWSPAPER POST

# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

Nru. 47

Marzu - April 1989

***Messaġġ ta' l-Arċipriet***

## *NAGĦTU LIL ALLA L-QIMA LI TIXRAQLU*

Sabiħ pajjiżna, kif ta' kull għodwa, iħoss fuqu l-ewwel raġġi tax-xemx, u minn biċċa blata bla lewn, jilbes il-kuluri tal-qawsalla.

Sabiħ pajjiżna, mimli bin-nies ħawtiela, jaħdmu għalenija biex jaqilgħu l-għajxien.

Sabiħ pajjiżna mimli bl-għajjat tat-tfal ċkejkna ferħana li jiġu u jilgħabu flimkien.

Sabiħ pajjiżna, u ta' dan irridu nroddu ħajr lil Alla. Kien Hu li żejjen lill-pajjiżna b'dawn il-barkiet, u b'eluf u eluf ta' barkiet oħra.

Iżda, fost tant sbuħija u hena, kemm tistona u żżarżar ikrah f'widnejna, l-għajta mxajtna ta' ħafna minn ħutna li f'telfa jgħollu leħinhom u jidgħu b'Alla, bl-Ostja Imqaddsa u bil-Madonna.

Fost tant sbuħija u hena ta' familji b'saħħithom, kemm jispikka u jnikket l-istraġi ta' tant familji mkissra, meqruda bil-minġel qerriedi ta' adulterji u taħlit bla rażan.

Fost tant sbuħija u hena ta' poplu li jaf iħenn għall-popli oħra milquta minn xi diżgrazzja, kemm tweġġa' il-firda u l-pika miżrugħa fi qlub tant aħwa, li mbagħad, mogħmija kif ikunu, ma jirraġunawx u jaslu għall-kollox.

Għaliex jiġri dan kollu?

Ir-raġuni hija waħda: il-bniedem tbiegħed minn Alla, u mehdi kif inhu bil-ħajja mgħaġġla, jinsa lil Dak li jista' kollox u li jħobbu b'imħabba bla tarf.

Dan hu li qed tipprova ssewwi, b'tant ħeġġa, ix-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla. Qed tagħmel ħilitha kollha biex

- tipprova terġa' tfiehem lill-bniedem bil-post li Alla għandu jkollu fil-ħajja tiegħu;
- tipprova turi biċ-ċar lill-bnedmin kollha Alla kemm Hu ta' min iħobbu;
- tipprova tgħin lil kulħadd biex ilkoll infaħħru lil Alla bi kliemna u b'egħmilna.

Kienet okkażżjoni ta' ferħ għalina meta tħabbret il-bxara li wara 37 sena, il-parroċċa tagħna ta' San Ġorġ, kienet ġiet magħżula sabiex din id-darba, flimkien mal-parroċċa tal-Kattidral tiċċelebra is-26 Kungress Djoċesan tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla.

Ilkoll kemm aħna konvinti li dan il-Kungress hawn bżonnu. Konvint ukoll li għandu jħalli ġid kbir fostna. Konvinti ukoll li il-membri kollha tax-Xirka ser jagħmlu ħilithom kollha sabiex ikun hawn frott u frott abbundanti.

Iżda mhux biżżejjed il-ħidma assidwa tagħhom. Jeħtieġ is-sehem ta' kulħadd. Għalhekk:

- Ejjew nilqgħu lil dawk kollha li ġejjin ikellmuna
  - ☐ fil-knejjes tagħna
  - ☐ fil-Bars
  - ☐ fil-Każini
  - ☐ fl-iskejjel
  - ☐ f'kull post fejn aħna.
- Ejjew ilkoll nifhmu il-kobor ta' l-imħabba li biha Alla jħobbna.
- Ejjew naħdmu flimkien biex kull bniedem ifaħħar lil Alla u jroddlu ħajr tal-ġid kollu li rċieva mingħandu.
- Ejjew nitolbu flimkien sabiex dan il-Kungress iħalli l-effett tiegħu fuqna ilkoll
- Ejjew nirringrazzjaw lix-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla tal-ħidma kollha li qed twettaq għalina.

**Kungress tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla**

**IL-ĦADD, 9 ta' APRIL 1989**

NATTENDU BI ĦĠARNA U NIEĦDU SEHEM SĦIĦ

FL-ATTIVITAJIET KOLLHA TAX-XIRKA

# L-GĦID IT-TAJJEB LIL KULĦADD

IL-BELT
VICTORIA
*RIVISTA TA' KULL XAHREJN*
*Uffiċċju Editorjali:*
Ċentru Parrokkjali San Ġorġ
Triq il-Karità, Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

**Membri ġodda fil-Komunità Parrokkjali**

7.1.89: FRANCENE bint Austin Farrugia u Maria Dolores neè Pace.
22.1.89: JOSEPHINE, bint Mario Mifsud u Michelina neè Mercieca
28.1.89: EMANUEL, iben George Farrugia u MaryAnne neè Zammit
29.1.89: NEVILLE, iben John Sultana u Louise-Anne neè Mizzi
28.2.89: KATYA, bint Alfonso Galea u Gloria neè Fenech
26.2.89: JUDITH NICOLA, bint M'Angelo Cordina u Rose neè Grech
26.2.89: JOSEPH, iben Lawrence Buttigieg u Lina neè Cefai.

**Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxoxtat:**

5.1.89: Adelaide Cauchi
6.1.89: Nikola Camilleri
6.1.89: Carmelo Spiteri
16.1.89: Maria Antonia Said
20.1.89: Mikelina Refalo
5.2.89: Ġużeppa Mizzi
11.2.89: Maria Cassar
14.2.89: Bernard Masini
23.2.89: Ines Maria Pisani
23.2.89: Maria Ewkaristika Galea
24.2.89: Antoinette Mejlak

**Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ**

12.2.89: Melchior Cremona u Marica Mercieca

**ĦINIJIET TAL-QUDDIES**

Billi nhar il-Ħadd 26 ta' Marzu 1989, Ħadd il-Għid, naqilbu għal Ħin tas-Sajf, il-ħinijiet tal-Quddies ta' fil-għaxija ser jinbidlu. Dawk ta' fil-għodu jibqgħu l-istess:

**Matul il-ġimgħa fil-għaxija** *Fil-5.30p.m. u fis-7.00p.m.*
**Ħdud u Festi fil-għaxija** *Fil-5.00p.m. u fis-6.30p.m.*

Dawn il-ħinijiet jibqgħu sakemm nerġgħu naqilbu għal Ħin tax-Xitwa fl-aħħar Ħadd ta' Settembru. Il-Quddiesa ta' fil-għaxija, fil-Ħdud u Festi,fis-6.30p.m. tibqa' issir biss sal-Ħadd 9 ta' Lulju.

## Laqgħat għall-Għarajjes

*Infakkru lill-għarajjes kollha li l-parroċċa tagħna qed iżżom laqgħat għalihom bi tħejjija għaż-żwieġ. Dawn isiru nhar ta' Ħadd, kull ħmistax, fl-10.00a.m. fis-Sala taċ-Ċentru Parrokkjali.*

***Editorjal***

# LIBRERIJA U ARKIVJU FOTOGRAFIKU

Fil-ħarġa ta' Jannar u Frar 1989 tajna l-aħbar li fil-Parroċċa tagħna ser titwaqqaf Librerija Parrokkjali u li ser jingħata bidu biex ikollna Arkivju Fotografiku.

Mill-ewwel deher li kulħadd fehem is-siwi ta' librerija u ta' arkivju fotografiku. Il-Librerija ser tkun waħda ta' referenza kif ukoll librerija li minnha kulħadd ikun jista' jissellef kotba. Żgur li mhux il-każ li noqgħodu nfissru hawnhekk is-siwi ta' librerija parrokkjali. In-nisrani matur li jrid jgħix sew u jagħti kontribut sħiħ lil komunità li fiha jgħix għandu jfittex dejjem li jkun aġġornat b'tagħlim sod dwar il-Knisja u l-Missjoni tagħha fid-dinja ta' llum.

Dwar l-arkivju fotografiku, għalkemm ikun sar xogħol li ma jidhirx fil-beraħ, ser ikun ta' siwi kbir, kemm għalina li qed nippruvaw nibnuh kif ukoll għal dawk li jiġu warajna. Meta jirnexxielna nlestu dan l-arkivju, bil-fotografiji kollha li possibbli nakkwistaw inkunu ser inħallu fil-parroċċa teżor kbir, li jibqa' jiżdied u jikber iktar 'il quddiem.

Ftit wara li tajna l-aħbar ta' dawn iż-żewġ proġetti l-għajnuna bdiet ġejja. Il-ġabra biex jinxtraw il-"cabinets" għal-librerija laħqet is-somma ta' iktar minn Lm150. Dawn il-Cabinets diġa waslu u tpoġġew fil-post fejn għalissa ser issir il-Librerija. Diġa ingħataw numru ta' kotba lill-parroċċa, u tista' tgħid li ta' kuljum qed jaslulna kotba mingħand dak u l-ieħor. Kummissjoni imwaqqfa apposta diġa bdiet ix-xogħol tagħha biex malajr kemm jista' jkun il-kotba kollha jiġu kklassifikati. Il-Kan. Dun Nikol Vella Apap ser ikun il-Librar Ewlieni.

Bħalma l-għajnuna ma' naqsitx fil-każ tal-librerija, hekk ukoll, fil-każ tal-arkivju fotografiku, l-għajnuna ġiet ukoll. Numru ta' nies ġabulna ritratti li qatt ma konna rajna bħalhom u li huma imprezzabbli. Diġa għamilna kopji tagħhom u erġajna tajnihom lura lil minn sellifhomna. Kien hemm uħud li rregalaw ir-ritratti mingħajr ma stennew li nerġgħu natuhomlhom.

Ta' l-għajnuna kollha, kemm għall-librerija kif ukoll għall-arkivju parrokkjali ngħidu grazzi mill-qalb lil kulħadd u lil kull min qed jgħinna. Filwaqt li aħna konvinti li fil-parroċċa nies li jifhmu s-siwi ta' ħwejjeġ bħal dawn u lesti li jgħinu b'kull mezz, aħna nixtiequ ntennu l-appell tagħna sabiex dawk fostkom li għadhom ma għinux, jagħmel dan mill-àktar fis. Aħna ċerti li fid-djar baqa' ferm u ferm iktar ritratti interessanti. Għadduhomna, u aħna, wara li nagħmlu kopja nerġgħu nrodduhom lil min ikun tahomna.Anke rigward il-kotba: ma aħna nirroftaw l-ebda ktieb: mela nistiednukom ilkoll sabiex tibgħatulna l-kotba biex nibnu din il-librerija.

Hija x-xewqa tal-Arċipriet kif ukoll tagħna ilkoll li jekk ikollna l-għajnuna meħtieġa il-librerija tiġi inawgurata fil-festi ta' San Ġorġ f'Lulju li ġej.

## JUM SAN ĠORĠ

Nhar il-Ħadd, 23 ta' April, Jum San Ġorġ, Mons Isqof Nikol Cauchi, Isqof t'Għawdex u Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan, ser imexxi Konċelebrazzjoni Pontifikali flimkien mal-Kapitlu u l-Kleru fid-9.00 a.m Bħas-soltu ser tiġi organiżżata wkoll l-ikla ta' Jum San Ġorġ mill-Ladies Society tal-Parroċċa tagħna. Din is-sena l-ikla ser tinżamm fil-Cornucopia Hotel u tkun taħt il-patroċinju ta' Mons Isqof N. Cauchi u l-Kummissarju Għoli Ingliż għal Malta l-E.T. Mr.B. Hitch.

Wara nofs in-nhar il-Banda Ċittadina LA STELLA ser tagħmel marċ brijuż mat-toroq prinċipali.

## ROKNA GĦAT-TFAL

Għeżież tfal,

Kif intom? Nittamali qed tħejju bil-għaqal għall-festa ta' l-Għid! Illum irrid ngħidilkom storja qasira u wara nikkummentaw ftit fuqha biex nitgħallmu xi ħaġa minnha.

Jeanette sabet żerriegħa ċkejkna daqs farka tar-ramel. Urietha lil sħabha u ħasbet li kienu se jieħdu gost ħafna biha, kif għamlet hi. Iżda dawn, meta rawha tgħożżha daqshekk, daħku biha. "Dik mhix ħlief naqra ta' żerriegħa. Għalfejn qed tgħożża daqshekk?" qalulha.

Imma Jeanette kienet taf li dik iż-żerriegħa setgħet tikber fi pjanta u forsi wkoll f'siġra sabiħa. Għalhekk, żergħetha f'qasrija u qegħditha fit-tieqa ta' kamritha. Kienet tittawlilha ta' spiss u kienet toħlom ħafna biha. Kellha seba' mitt sena sakemm iż-żerriegħa taraha tisponta mill-ħamrija.

Għodwa waħda, Jeanette rat l-ewwel fergħa ċkjekna ħierġa u riedet ittir bil-ferħ. Il-fergħa kibret ġmielha, għalhekk, neħħietha mill-qasrija u ħawlitha f'barmil. Aktar tard għamlitha fil-ħamrija fil-ġnien.

Din in-naqra ta' żerriegħa kibret f'siġra sabiħa u kienet tiġbed l-attenzjoni ta' kulħadd. Jeanette żergħetha meta kellha ħames snin, u issa li kibret, tieħu gost iktar tħares lejha. U r-riħ ma jagħmlilha xejn, jonfoh kemm jonfoh.

Il-fidi tagħna, tfal, hija bħal dik iż-żerriegħa ċkejkna li sabet darba Jeanette, xi drabi wkoll mhux ikbar minn farka tar-ramel. Imma jekk inti titlob tajjeb u temmen, mingħajr ma tittraskura, il-fidi tiegħek tista' tikber, tissaħħah u tagħti ħafna frott.

Bħala nsara, aħna għandna d-don tal-fidi. Imma mhux kulħadd jaħdem biex isaħħah dan id-don fih. Kieku kull wieħed u waħda minna jipprova jgħix tajjeb, jagħmel kull ma jista' biex iħobb dejjem lil Alla, imur ta' spiss għall-quddies, iqerr u jitqarben ta' sikwit, żgur li Ġesù jieħu gost bina u jsaħħah fina l-fidi fih. Hekk, meta nikbru, tant inkunu ħadna ħsieb il-fidi tagħna, li l-irwiefen u l-ħażen ta' madwarna ma jwaqqagħniex għax nibqgħu marbutin ma' twemminna.

Sakemm nerġgħu niltaqgħu, tfal, nixtieqilkom ilkoll l-Għid it-Tajjeb.

*Tata'.*

*IZ-ZIJU PEPPI*

## LIL SAN ĠORĠ MARTRI



*23 ta' April*

Bniedem t'Alla San Ġorġ mimli ħeġġa
Sabiex tħares fuq l-art, tagħna d-Din
Mill-egħdewwa tal-Knisja ta' Kristu;
U sfajt martri ta' dan it-Twemmin!

O qalbieni kbir Martri ta' Kristu,
Sa miċ-ċokon ħassejt ġibda lejk,
X'ħin kont niġi minn Raħal Twelidi
Nhar l-Għid tiegħek ninxteħet f'riġlejk!

Il-Belt tagħna l-Għawdxin sa minn dejjem
Tatek qima u ħabbitek bis-sħiħ;
Bnietlek maqdes imżejjen b'pittura,
B'deh'b u rħam li jagħtik l-ikbar ġieħ!

Dan il-Maqdes hu kburi bi Statwa -
Xbieha tiegħek ta' ġmiel l-ižjed kbir;
Bil-ġieħ għoli u qaddis ta' Bażilka
U b'Tribuna li tistħoqq tifħir!

Qaddis ħelu, San Ġorġ Megalmartri,
Kif qatt nista' minn qalbi ninsik!!
Kelli x-xorti twelidt fil-Jum tiegħek,
Wara Anton inġib Ġorġi għalik!!!

*Ix-Xewkija* *ANTON G. HABER*

### *AVVIŻ IMPORTANTI LILL-EMIGRANTI*

**Kultant qed jaslulna lura xi kopji tar-Rivista li nkunu mpustajna lill-emigranti tagħna. Dan ikun ġara għax forsi dak li jkun ikun biddel id-dar jew mar joqgħod x'imkien ieħor. Ikun ta' siwi għalina li meta dawk l-emigranti li jirċievu r-rivista jkun ser ikollhom bidla fl-indirizz jibgħatu jgħidulna jew direttament jew permezz tal-familjari tagħhom. Dan jiswa lilna ħafna għax ma nkunux qed naħlu l-flus fil-posta għal xejn. Barra minn hekk jekk dawk li jirċievu l-Belt Victoria jkunu jafu b'xi emigranti oħra viċin tagħhom li jkunu jridu jibdew jirċievu din ir-rivista, kulma għandhom jagħmlu hu li jgħidulhom jibgħatulna l-indirizz eżatt u aħna bil-qalb kollha nibdew nibgħatuhilhom. Nieħdu din l-okkażżjoni biex nirringrazzjaw lil dawk l-emigranti li kultant żmien jibgħatu offerta lir-rivista tagħna. Grazzi u San Ġorġ iħares lilkom u lill-familji tagħkom.**

## IKLA TA' JUM SAN ĠORĠ

**Il-Ħadd, 23 ta' April 1989 fin-12.30pm**

Fil-CORNUCOPIA HOTEL

**Biljetti mingħand**

**il-membri tal-Ladies Society**

PREZZ: Lm3.75 Numru Limitat

# Ġenituri, tistgħu Tgħinu lil Uliedkom fl-Għażla Vokazzjonali Tagħhom?

**Ġenituri, Alla jemmen fikom!** Snin ilu, kien Hu li laqqagħkom flimkien. Iddobba b'ħafna ċirkustanzi biex intom stajtu tieħdu grazzja ma' xulxin, tibdew tħobbu lil xulxin u fl-aħħar tiddeċiedu li tingħaqdu bir-rabta taż-żwieġ. Fost l-oħrajn, fdalkom f'idejkom żewġ missjonijiet kbar:

- il-missjoni li **ġġibu bnedmin oħra fid-dinja** u
- il-missjoni li **trabbu u tedukaw lil uliedkom.**

**L-espressjoni "edukazzjoni ta' l-ulied"** qisha siġra b'ħafna friegħi. Infatti, teduka lil uliedek ifisser:

- ☐ tgħallimhom l-iskola,
- ☐ tgħallimhom iħobbu x-xogħol,
- ☐ tgħallimhom jirrikreaw ruħhom b'mod onest u bil-qies,
- ☐ trawwam fihom ċerti valuri umani u nsara (l-imħabba, is-sinċerità, ir-rispett lejn Alla u lejn l-oħrajn....),
- ☐ tgħinhom **fl-għażla vokazzjonali tagħhom.**

**Pero' x'inhi l-vokazzjoni?** Min-natura tiegħu, in-nisrani huwa bniedem vokat. Bil-magħmudija, wieħed jidħol fil-Misteru ta' Kristu u jimpenja ruħu li matul ħajtu jsir jixbaħ lil Kristu, fi kliem ieħor, jimpenja ruħu li **"jitqaddes"**. Issa biex naslu għall-qdusija, jeżistu diversi toroq (it-triq taż-żwieġ, it-triq tas-saċerdozju, it-triq tal-ħajja reliġjuża...) F'din il-konferenza se nidħadtu l-aktar mit-triq tas-saċerdozju jew tal-ħajja reliġjuża.

**Fil-Bibbja għandna diversi stejjer ta' vokazzjoni.** Insibu, per eżempju, l-esperjenza vokazzjonali ta' Abram, ta' Mosè ta' Marija, ta' l-ewwel dixxipli, ta' San Pawl... F'kull storja ta' vokazzjoni ninnotaw li:

* huwa Alla jew Kristu li jsejjaħ (il-vokazzjoni hija don gratuwitu t'Alla, ħadd m'għandu dritt għaliha, Alla jsejjaħ għax irid u lil min irid.)
* Alla jsejjaħ għal xi missjoni speċjali (kull vokazzjoni trid tesprimi ruħha f'servizz lil Alla u lill-bnedmin.)
* il-bniedem iwieġeb "iva" b'ġenerożità (jista' jkun hemm mumenti ta' dubju, iżda fl-aħħar tirbaħ l-ubbidjenza u l-ġenerożità lejn Alla.)

Naturalment, illum, Alla ma jsejjaħx b'mod ċar u espliċitu bħalma nsibu fl-esperjenzi bibliċi li semmejna; jiddobba b'mezzi aktar umli u ordinarji (jiddobba, per, eżempju, bil-group tal-vokazzjonijiet, bil-katekeżi, bix-xhieda ta' saċerdot, b'xi salib fil-familja, bl-ambjent edukattiv tat-tifel....)



Għalhekk hemm bżonn iktar attenzjoni, iktar dixxerniment u iktar talb biex nifhmu eżattament fejn hemm sejħa t'Alla u fejn m'hemmx.

**X'inhuma s-sinjali ta' vera vokazzjoni fit-tfal?** Is-sinjali ta' vokazzjoni jvarjaw minn età għal età u minn individwu għall-ieħor. Insemmu ħames kwalitajiet li jidhru f'tifel vokat:

- Ø sens ta' qadi u spirtu ta' servizz. L-individwu jkun lest li jbati u jissagrifika lilu nnifsu biex igħin u jaqdi lill-oħrajn.
- Ø kapaċità li wieħed jibni relazzjonijiet ma' l-oħrajn, anki ma' persuni tas-sess oppost.
- Ø sens ta' leadership, diversi kwalitajiet, intelliġenza normali, fiduċja fih innifsu.
- Ø ċerta prattika reliġjuża (talb, sagramenti...ecc)
- Ø perseveranza minkejja d-diffikultajiet li jinqalgħu.

**Bħala ġenituri kif tistgħu tgħinu lil uliedkom fl-għażla tal-vokażżjoni tagħhom?** Bħala ġenituri, tridu tevitaw żewġ estremi. La tridu timbuttaw lil uliedkom għall-ħajja saċerdotali u reliġjuża (dan huwa riskju kbir) u lanqas taħarbu mid-dmir li tgħinuhom fl-għażla tal-vokazzjoni (dan huwa nuqqas ta' responsabiltà). Ġenituri għaqlin jafu **jissapportjaw** il-vokazzjoni ta' wliedhom. X'ifisser dan? Insemmu erba' ħwejjeġ:

- Oħolqulhom ambjent fejn jekk hemm xi żerriegħa ta' vokazzjoni, din tkun tista' tinbet, tikber u tiżviluppa.

*jkompli p. 7*

**IDEAL HOME EXHIBITION**

***TEATRU ASTRA***

***Il-Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd – 17, 18, 19 ta' Marzu 1989***

*TITLIFX DIN L-OKKAŻJONI LI TIXTRI B'IRĦIS!*

# LA TRAVIATA

## FIT-TEATRU ASTRA

LA TRAVIATA, waħda mill-aktar opri favoriti mad-dilettanti kollha tal-mużika klassika, ser tiġi preżentata fit-Teatru Astra nhar is-Sibt, 15 ta' April. L-arranġamenti kollha meħtieġa biex tiġi mtella' din l-opra f'Għawdex għadhom kemm ġew finalizzati bejn is-Soċ. Fil. La Stella u l-Impresa Fasano ta' Ruma, li se tkun direttament responsabbli mid-direzzjoni ġenerali tal-opra.

Dan tħabbar aktar kmieni dan ix-xahar f'Konferenza Stampa li l-Kumitat tal-Banda La Stella ta fil-Każin tal-Banda King's Own.

Ħames kantanti internazzjonali ser jinġiebu minn barra biex jinterpretaw il-partijiet ewlenin ta' La Traviata. Il-kantanti, ilkoll stabbili sewwa fil-qasam operistiku, igawdu isem tajjeb ħafna f'uħud mill-aqwa tejatri tal-opra fl-Ewropa, partikolarment fl-Italja, Franza u l-Germanja.

Dawn huma s-sopran Viviana Fabbri, it-tenuri Franco Tisi u Lorenzo Catacchio, u l-baritoni Griogio Lormi u Gian Domenico Bisi.

Id-direzzjoni mużikali ta' La Traviata se tkun f'idejn Mro. Joseph Vella li l-istaġun li għadda kompla jiddistingwi ruħu fid-direzzjoni operistika bil-preżentazzjoni tat-tliet opri: L'Elisir D'Amore, Lucia di Lammermoor u Aida li saru fl-istess teatru.

Il-ħila ta' Mro Vella fl-esekuzzjoni ta' dawn it-tliet opri laqtet l-għajn tad-diriġenti tal-Impresa Fasano li matul is-sajf li għadda stiednuh jidderieġi tliet opri oħra fl-Italja. Mro Vella diġa' beda bl-ewwel tħejjijiet tiegħu għal La Traviata u fi ftit ġranet oħra se jmexxi l-ewwel kunċerti għall-orkestra, li se tkun iffurmata minn madwar 60 mużiċist.

Erba' kantanti lokali se jieħdu sehem f'partijiet oħra tal-opra, bil-għan ewlieni li l-Kumitat jinkoraġġixxi t-talent lokali billi jissokta jħajjar l-artisti Maltin u Għawdxin jimxu aktar 'il quddiem fil-karriera operistika tagħhom. Il-kantanti huma Rosabelle Pavia, Noel Galea, Paul Portelli u Karin Camilleri.



*GIANDOMENICO BISI, wieħed mill-kantanti barranin li ser jieħdu sehem f'LA TRAVIATA.*

Il-Kor tal-Opra tat-Teatru Astra, li tant intlaqa' tajjeb fl-istaġun operistiku li għadda, se jieħu sehem f'din l-opra. Il-Kor, li se jkun iffurmat minn 80 ruħ, se jerġa' jkun imħarreġ minn Mro John Galea, Miss Maria Frendo u Mro Colin Attard.

Manuel Grima huwa responsabbli mill-koreografija bi group kbir ta' tfajliet u ġuvintur mit-Teatru Astra. Kemm ix-xenarju kif ukoll il-kostumi tal-kantanti prinċipali se jinġiebu minn Ruma. Il-kostumi l-oħra kollha iżda se jitħietu Għawdex mit-Taqsima tal-Ħjata tat-teatru, taħt is-superviżjoni ta' George Farrugia.

*Produzzjoni u Direzzjoni ta' Prof. Franco Vacchi.*

***Il-Booking għal La Traviata se jiftaħ is-Sibt, 1 t'April.***

# Suċċess Ieħor fil-Karnival

Is-Soc. La Stella din is-sena wkoll irreġistrat suċċess kbir fil-konkorsi taż-żfin tal-Karnival f'Għawdex. Rappreżentata b'żewġ kumpaniji taż-żfin, is-Soċjetà kisbet l-aqwa riżultat fit-taqsima tal-koreografija waqt li meritatament ġiet premjata wkoll għall-ġmiel ta' kostumi li ppreżentat. Dan minkejja l-kompetizzjoni qawwija li din is-sena kien hemm f'din is-sezzjoni.

Iż-żewġ kumpaniji li kisbu L-EWWEL POST kienu "Pony Ride", Kumpanija tal-Kbar Single, u "Spiders' World", Kumpanija tat-Tfal Singles, li fir-ritratti t'hawn taħt jidhru qed iferrħu l-pubbliku biż-żfin tagħhom fl-Enclosure fi Pjazza Indipendenza.

Is-Soċjetà **tiżżiħajr** lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom fl-organizzazjoni ta' dawn **iż-żewġ kumpaniji** tal-Karnival, waqt li **tifirħilhom tas-suċċess li kisbu.**





# "QASSISIN F'GĦAWDEX SA L-1689"

*Minn John Bezzina*

Sa minn meta' d-din nisrani daħal f'Għawdex, kien hawn fil-gżira, irġiel miżżewġa jew le, li kienu jieħdu ħsieb il-kura tal-Erwieħ. Biż-żmien, u qed ngħidu għal-wara li għex S. Girgor il-Kbir, jiġifieri sa wara s-sena 604 W.K., dawn l-irġiel magħżula ma baqgħux ikunu miżżewġa.

Ma nafux min kienu l-ewwel u l-eqdem qassisin li kellna f'Għawdex, li mill-QALBA tal-'Gavlos Oppidum", il-belt punika li kienet teżisti fi Żmien ir-Rumani u dak Biżantin, u min HEMM kienu jamministraw is-Sagramenti. L-anqas ma nafu min kienu l-qassisin li kellna f'Għawdex, li mill-QALBA tar-Rabat, darba li Gavlos Oppidum, il-belt punika (li kienet iddawwar ir-Rabat), sfat imġarrfa mill-Għarab, u l-insara imġegħla jgħixu fir-Rabat wil-kampanja, il-barra mill-KISIR, li bnew il-Għarab fuq l-għolja ta' BORG GERITU, xi darba wara s-sena 870 W.K.

L-anqas ma sibna min kienu l-qassisin f'Għawdex bejn l-1090/1 u l-1300 W.K. Kull ma nafu huwa, li skond dokument li sar għas-Sultan Ruġġieru ta' Sqallija u Malta fl-1142, mill-Arċimandrita Grieg Nilo DoxoPatris, Għawdex kien 'DJOĊESI' għalih, maqtuh minn Malta, u li Għawdex qabel dak iż-żmien, b'riferenza għal żmien il-Biżantini, kien jagħmel mal-Patrijarkat ta' Costantinopli u mhux mal-Papa ta' Ruma. Doxopatris fl-1143 iddedika din li "Storja tal-Patrijarkati' lis-Sultan Ruġġieru, u Ruġġieru kellu f'idejh arma li biha setgħa jiġġieled dwar is-setgħa li jgħid li kellu biex jaħtar l-Isqfijiet tas-Saltna tiegħu.

Mitt sena wara fl-1241 l-Abbati Gilbertus ħallielna ċensiment tal-popolazzjoni ta' Malta u Għawdex, jew aħjar tal-familji kemm insara, misilmin u Lhud.

| FAMILJI | INSARA | MISILMIN | LHUD | TOTAL |
|---|---|---|---|---|
| Malta | 47 | 681 | 25 | 753 |
| Għawdex | 203 | 155 | 8 | 366 |

Li kieku kull familja nisranija f'Għawdex kienet komposta minn ħamsa min-nies, kien hawn dawra ta' 1,015 nisrani f'Għawdex, u dawn żgur kellhom xi qassisin biex jieħdu ħsiebhom. Hawn ta' min isemmi wkoll li Għawdex kien maħbut fl-1274, fl-1283, fl-1287, fl-1295, fl-1296, fl-1297, fl-1313 fl-1354, fl-1371, 1372, 1375 u fl-1389. Biżżejjed ngħidu li fl-attakk tal-1274 mill-Genovisi dawn: 'GAUDIUM DEPOPOLAVIT' ħarbu lil Għawdex (spopolawh) u fl-1297 il-gżejjer Maltin kienu devasti mill-flotta Aragonisa, wara x'inkwiet li nqala'.

L-ewwel u l-eqdem xaqq dawl, dwar qassisin f'Għawdex imur lura biss għas-sena (?) 1300 W.K., liema sena aħna niddubitaw minnha, għaliex fil-waqt li xi kittieba jgħidu li SAGONA, D. Ruġġier għex fil-bidu tas-sena 1300, aħna sibna li għex għal tmiem 1300 u bidu tal-1400.

Iben Khaldun jgħidilna li l-Għarab li kien hawn, c.155 familja tkeċċew min hawn fl-1249, u dawn ħallew warajhom bosta artijiet li b'xi mod jew ieħor huma kisbu f'idejhom matul it-379 sena li kien ilhom hawn. Dawn l-artijiet għaddew għal taħt il-Kuruna, wis-slaten setgħu u filfatt iddisponew minnhom b'għoti jew bejh ta' għelieqi, oqsma, kontea jew markesat. Ġie li kienu jingħataw 'in perpetuum' jew b'rahan, jew imqabbla, jew għal kemm jgħoġob lis-Sultan.

F'Diċembru 1282 il-Gvernatur ta' Malta ta' żmien l-Angevini, qaleb għalma l-Aragonisti. Kien DIONIGI BARBA. Darba li l-gżejjer għaddew għal taħt li Spanjoli Katalani u Aragonisi), nobbli ta' dixxendenza Spanjola, min Sqallija u Spanja bdew jiġu joqgħqodu f'Għawdex, jiksbu artijiet u jiksbu s-setgħa fil-Gvern u fil-Knisja, billi sa l-1356 il-gżejjer tagħna flimkien ma Sqallija kienu bl-interdett. F'Malta f'dan iż-żmien kienu min fuq il-familja ta' Barba wil-familja tal-Kastellan ta' S. Anġlu, Giacomo Pellegrino ta' Messina li kien miżżewweġ lil Margerita ARAGONA (jew Alagona) oħt Sibilla li kienu ta' demm irjali.

F'Għawdex dawn iż-żewġt aħwa kisbu xi artijiet fosthom Ġnien Xibla (: Sibilla) u parti mill-Ġnien tal-Lunzjata. Iż-żewġt nisa fl-1343 waqqfu l-Benefizzju tas-Saqqajja (jew tal-Lunzjata) konsistenti fi ġnien li min-naħa tal-Lvant imiss mal-knisja taħt il-blat, mill-Nofsinhar wil-punent ma triq u beni oħra, mit-tramuntana mal-benefizzju ta' S. Ġorġ (magħruf ukoll bħala ta' Għar Gherduf, bil-pis ta' quddiesa kull nhar ta' ġimgħa fil-knisja tal-Lunzjata.

Ma nafux min kien l-ewwel qassis li ħa dan l-benefizzju, imma l-ewwel wieħed li nafu bih kien D. PIET BARBA, li kiseb dan il-benefizzju fl-1370 u żammu biss sal-1372. Kull ma nafu hu li fl-1372 ir-Re Federik IV mgħejun min 10 bastimenti Ġenovisi attakka lil Giacomo Pellegrino r-raġel ta' Caterina t'Aragona, għaliex dan kien jattakka bastiment Genovisi, Pellegrino kellu jċedi, u ġie imkeċċi min dawn il-gżejjer, naturalment ma martu Caterina. Setgħet kienet din ir-raġuni vera li fl-1372 il-benefizzju tal-Lunzjata għadda għal taħt idejn il-kuruna u mhux għax-Katerina u Sibilla ma kellhomx werrieta, forsi kien għalhekk li D. Piet ma baqgħax igawdi l-benefizzju. Infatti fit-12 ta' Novembru 1372 ir-Re għadda dan il-benefizzju f'idejn D. Bartilmew Axiaq. Imma niġu għal-lista tal-qassisin sa l-1500.

## QASSISIN F'GĦAWDEX BEJN 1300 (?) - 1500

01. SAGONA, D. Ruġġieru 1300(?) - ...
02. BARBA, D. Pietro 1370 - 1372
03. AXIAQ, D. Bartilmew 1372 - 1398 (?)
04. SAGONA, D. Ewġenju (?) 1398 - ...
04. SAGONA, D. Ewġenju (?) 1398 - ...
05. MANUELE, D. Antonio 1401- ...
06. DE SPANO, D. Iohannes 1416 - ...
07. SABIN, D. .... (jew Saba) c.1430 -...
08. CALIMERA, D. Pin (jew Giacomopino) 21-22- 1440 - ...
09. DE MARINO, Kje. Antonio 15-12-1441 ...
09. DE MARINO, Kje. Antonio 15-12-1441 ...

*jkompli p. 7*

*jaqbad minn p. 4*

(allura iktar talb, qari ta' l-Iskrittura u iktar spirtu ta' qadi fil-familja.)

- Sibu mument li fih titkellmu magħhom fuq id-diversi toroq li wieħed jista' jieħu fil-ħajja. Uruhom li triduhom liberi fl-għażla li se jagħmlu.
- Ikkonvinċu lil uliedkom ikollhom direttur spiritwali li jagħlu t-triq vokazzjonali tagħhom skond ir-rieda t'Alla.

Fuq kollox, itolbu għalihom.

**LET YOUR CHILDREN FOLLOW THEIR VOCATION GOD IS CALLING THEM TO BUILD AND TO SAVE THE WORLD**

Your children are your children.
They are the sons and daughters
of Life's longing for itself.
They come through you but not from you,
yet they belong not to you.
You may give them your love, but not your thoughts,
for they have their own thoughts.
You may house their bodies, but not their souls,
for their souls dwell in the house of tomorrow,
which you cannot visit,
not even in their dreams.
You may strive to be like them,
but seek not to make them like you.
For life goes not backwards nor tarries with yesterday.
You are the bows from which your children
as living arrows are sent forth.
The Archer sees the mark upon the path of the infinite,
and He bends you with his might
that his arrows may go swift and far.
Let your bending in the Archer's hand be for gladness;
for even as He loves the arrow that flies,
so He loves also the bow that is stable.

**Kahlil Gibran.**

*Siltiet minn koferenza li Dun Mikiel Galea, Direttur tal-Vokazzjonijiet fis-Seminarju t'Għawdex, għamel lill-ġenituri tal-membri tal-Grupp tal-Vokazzjonijiet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ fil-5 ta' Jannar 1989.*

*jaqbad minn p. 6*

| | | |
|---|---|---|
| 10. | BRIFFA, D. Mattew | 21-12-1442 - ... |
| 11. | GUARRERIO, D. Nikola | 28-11-1444 - 1487 (miet) |
| 12. | TILLIRIXXI, D. Piet | 1452 - ... |
| 13. | MEILAK, Kje. Mikiel (?) | 19-6-1456 - ... (Nikol) |
| 14. | DEBBUS, D. Gulielmu | 1456 - ... (C.1501 miet) |
| 15. | LAZZO, D. Antonello | 10-1-1460 - ... |
| 16. | GADUARA, D. Lucian | c.1460 - 1504 (miet) |
| 17. | VENEZIANO, D. Dionisio | 2-5-1461 - ... |
| 18. | INBUSINO, Kje. Paulu | 10-9-1456 - ... (Girobutino) |
| 19. | FARAONE, D. Glormu | 1472 - ... |
| 20. | XELLUCHI, D. Angelo | 11-5-1475 - ... |
| 21. | MANOX, D. Ugolino | 24-5-1479 - ... (jew Manixi) |
| 22. | DE BISCONIS, D. Andrea | 14-5-1480 - ... (miet 1536) |
| 23. | DE BISCONIS, D. Enrico | 5-1-1482 - ... |
| 24. | SAGONA, D. Pin | 29-11-1487 - ... (1529 miet) |
| 25. | REFALO, D. Giorgio | 1487 - ... |
| 26. | FALZONE, D. Mikiel | 19-12-1487 - ... |
| 27. | DE NASIS, D. Gwann | 17-11-1489 - ... |
| 28. | TILLIRIXXI, D. Piet | 1489 - ... |
| 29. | INFANTINO, D. Angelo | c.1498 - ... |
| 30. | PONTREMOLI, D. Lorenzo, | 14-7-1498 - ... |
| 31. | PISANI, D. Angelo | c.1500 - ... |
| 32. | TABONE, Fra. Pawl (patri) | c.1500 - ... |
| 33. | PARNIS, D. Ġakbu | 1500-1540 |
| 34. | BANIABIN, D. Pietru | 1500 - ... (Waqa Lsir) |
| 35. | DE FEDERICO, D. Gualterio | 14-3-1500 - 1543. |
| 36. | DE CASTELLA, D. Alvaro | 1500, 1507 |

waqa lsir, mifdi qabel 4.6-1511. Kapp ta' S. Ġorġ minn 1530 sa 1544 meta' miet.

### Donazzjonijiet għar-Rivista

Charles Farrugia (Australia) 20 Aus.
Kan. On. Coronat Grima Lm1
Kan. Dun Ġużepp Gauci Galea Lm2
Joe Grech (U.S.A) 20 US $
Manwel Formosa (U.S.A.) 20 US $
Anthony Grech (M'Forn) Lm2

# IL-PAPA U R-RISURREZZJONI

Nhar l-Erbgħa, 25 ta' Jannar li għadda, fl-udjenza pubblika li soltu jagħti fil-Vatikan, il-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II ħass il-bżonn li jerġa' jikkonferma l-QAWMIEN MILL-IMWIET TA' ĠESÙ KRISTU sabiex jirribatti id-DUBJI fir-Resurrezzjoni li ta' sikwit, kemm il-Lhud kif ukoll xi teologi moderni, jipprovaw iqajmu. Il-Papa ikkonferma b'ton iebes li r-RESURREZZJONI HU FATT STORIKU U DOMMA ĊENTRALI TAL-KNISJA KATTOLIKA RUMANA.

**Dan il-Proċess Tribunali; li se jintwera għall-ewwel darba fil-gżejjer Maltin fit-Teatru Astra, nhar il-Ħadd 26 ta' Marzu**, jikkonferma kliem il-Papa u d-Domma tal-Fidi tagħna. Il-Proċess ipoġġi quddiemna l-istorja tar-Risurezzjoni permezz ta' xhieda storiċi li b'xi mod jew ieħor kellhom x'jaqsmu ma' dak Jum l-Għid ta' elfejn sena ilu, fil-belt ta' Gerusalem. Fost ix-xhieda nsibu lil Ġużeppi D'Arimatea, Marija Magdalena, Pilatu u martu, San Pietru u San Pawl, kif ukoll xhieda oħra awtentiċi skond l-Iskrittura, u oħrajn foloz.

Il-Qorti li tmexxi l-Proċess hu Qorti ta' llum, kif narawh kullimkien: b'Imħallef, avukati, skrivani, attrezzament u proċedura moderni. Ix-xhieda biss huma persuni awtentiċi ta' żmien Kristu, biex skond l-Iskrittura jixhdu dak li taw b'għajnejhom f'dak il-glorjuż Għid imbiegħed.

Dal-Proċess se jkun SPETTAKLU li għadu jaraħ kulħadd, ġa għandu jkun rakkomandat minn kulħadd u għal kulħadd. Kull fejn intwera barra mill-gżejjer Maltin, dal-Proċess Tribunali eċċitanti kien dejjem suċċess.

L-awtur isejjaħ dan l-ispettaklu bħala "refresher course" importanti u divertenti għas-saċerdoti u sekulari Nsara kollha.



# PROGRAMM TAL-ĠIMGĦA MQADDSA FIL-BAŻILIKA TA' SAN ĠORĠ



### *Mid-19 sas-26 ta' Marzu 1989*

**Ħadd il-Palm**

**Il-Ħadd: 19 ta' Marzu:** F'kull quddiesa jsir it-Tberik tal-Palm u Żebbuġ

Fid-9.00a.m.: Quddiesa għat-tfal tal-Parroċċa fiċ-Ċentru Parrokkjali

Fil-4.00p.m.: Tberik tal-Palm u Żebbuġ fl-Oratorju tal-Bażilika u Purċissjoni għall-Bażilika fejn issir Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija minn Mons. Arċipriet.

Fil-5.00p.m.: Tberik mill-E.T. Mons. Isqof taċ-Ċena ta' l-Appostli li qed tintrema' għall-ewwel darba fil-parroċċa tagħna.

**It-Tnejn tal-Ġimgħa Mqaddsa**

**It-Tnejn: 20 ta' Marzu:**

Fil-5.00p.m.: Quddiesa.

Fis-6.30p.m.: Ċelebrazzjoni Penitenzjali, bi tħejjija għall-festa kbira ta' l-Għid. (il-quddiesa tas-6.30p.m. ma ssirx)

**It-Tlieta tal-Ġimgħa Mqaddsa**

**It-Tlieta: 21 ta' Marzu:**

Fil-5.00p.m.: It-tfal li din is-sena ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina jersqu għall-ewwel Qrara tagħhom. Mistiedna ukoll il-ġenituri tagħhom.

Fis-6.00 p.m.: Quddiesa.

Fis-7.00 p.m.: Kunċert Orkestrali mill-Jugendkammerorchester, orkestra minn Bremen fil-Germanja b'xogħolijiet ta' S.J.Bach, A. Vivaldi u A. Dvorak. Kunċert ippreżentat mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni (Dipartiment tal-Kultura u Ambjent) u mill-Ministeru għal Għawdex bil-kooperazzjoni tal-Kapitlu tal-Bażilika.

**L-Erbgħa tat-Tniebri**

**L-Erbgħa: 22 ta' Marzu:**

Fil-5.00 p.m.: Quddiesa.

Fis-6.30 p.m.: Via Sagra organizzata mis-Seminaristi tal-Parroċċa. Fit-12 il-Stazzjoni Mons. Isqof imexxi Konċelebrazzjoni u jagħmel messaġġ ta' l-okkażżjoni. Jieħu sehem il-Chorus Urbanus.

**Ħamis ix-Xirka**

**Il-Ħamis: 23 ta' Marzu:**

Fil-5.00 p.m.: Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija minn Mons. Arċipriet flimkien mal-Kapitlu u l-Kleru, li fiha jsir ukoll il-Ħasil tar-Riġlejn ta'l-Appostli. Issir ir-Reposizzjoni tas-Santissimu Sagrament fis-Sepulkru.

Fis-6.30p.m.: Tibda timmarċja l-Purċissjoni Tradizzjonali u Devota tal-Ġimgħal-Kbira. Tieħu sehem il-Banda La Stella u ż-żewġ korijiet tal-Parroċċa.

**Il-Ġimgħa l-Kbira**

**Il-Ġimgħa: 24 ta' Marzu:**

Fit-8.00a.m.: Uffiċċju tal-Qari u Tifħir tas-Sbiħ il-Jum.

Fil-4.00p.m.: Funzjoni Liturġika bil-Qari tal-Passjoni, l-Adorazzjoni u l-Bews tas-Salib u t-Tqarbin.

**Sibt il-Għid**

**Is-Sibt: 25 ta' Marzu:**

Fit-8.00p.m.: Funzjoni Liturġika tan-Nar, it-Tħabbira tal-Għid, il-Qari. Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija minn Mons. Arċipriet.

**L-Għid il-Kbir**

**Il-Ħadd: 26 ta' Marzu:**

Fid-9.00a.m.: Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija minn Mons. Arċipriet

Fil-10.30a.m.: Marċ brijuż mill-Banda La Stella bl-Istatwa ta' Kristu Rxoxt

Fit-3.30p.m.: Jibda it-Tberik tal-Familji għall-żmien il-Għid.



## *IL-QAWMIEN MILL-IMWIET*

### *Fatt Storiku Jew Le?*

*PROĊESS TRIBUNALI LI JIKXEF IL-VERITÀ*

Fit-**TEATRU ASTRA**

**Nhar Ħadd il-Għid - 26 ta' Marzu 1989 fis-6.00 p.m.**

